**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**
**AVVIŻI 16 TA' FRAR 2020**

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**
Għada l-Ħadd 16 ta' Frar 2020 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**90 Anniversarju Azzjoni Kattolika**
Għada l-Ħadd 16 ta' Frar fl-4.30pm ġewwa l-Knisja Arċipretali ta' San Bastjan Ħal Qormi, l-Azzjoni Kattolika se tkun qed tiċċelebra quddiesa ta' radd ta' ħajr immexxija mill-Isqof Awżiljarju Mons. Joseph Galea Curmi fl-okkażjoni tad-90 Anniversarju mit-twaqqif uffiċjali tal-Azzjoni Kattolika f'Malta. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

**Mother and Baby Club**
Il-Mother and Baby Club se jorganizzaw Party tal-Karnival nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2020.

***Coffee Morning***
Il-Ħamis 20 ta' Frar 2020 fid-9:30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Tberik tal-Familji**
Il-Ħamis 20 ta' Frar 2020 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq il-Qaliet (minn Triq il-Gardiel sat-*traffic lights*).**

**Kummissjoni Parrokkjali Tfal**
Is-Sibt 22 ta' Frar 2020 il-Kummissjoni Parrokkjali Tfal qed torganizza party tal-Karnival għat-tfal bejn 5 snin u 12-il sena fis-Sala Sant'Anna mit-3.00pm sal-5.00pm. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**
It-Tnejn 24 ta' Frar 2020 wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Come to me**

Fr Hayden Williams flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani ser immexxu laqgħa ta' talb bl-ingliż fil-Parroċċa tagħna għall-persuni kollha li jitkellmu bil-lingwa ingliża. Din ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Frar 2020 fis-7.30pm fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġu lil kulħadd sabiex inxerdu l-kelma mal-barranin li jitkellmu bl-ingliż li jgħixu f'Malta.

**Ras ir-Randan**

L-Erbgħa 26 ta' Frar 2020 nagħtu bidu għal żmien ir-Randan. Għalhekk nhar l-Erbgħa fil-5.30pm niltaqgħu l-Mużew tas-Subien fejn nibdew il-quddiesa b'pellegrinaġġ bix-xbieha tas-salib sal-Knisja Parrokkjali.

**Laqgħa ta' Formazzjoni u Programm Pastorali 2020**

Frott l-Assemblea Parrokkjali li kellna f'Novembru li għadda bit-tema **Il-Parroċċa: Familja li Tisma' u Timxi** ġie mfassal il-Programm Pastorali ta' din is-sena. Mid-diskussjonijiet u s-suġġerimenti li saru, din is-sena ser niffokaw il-ħidmiet pastorali u l-inizjattivi tal-gruppi u l-kummissjonijiet sabiex inkunu iktar parroċċa inklussiva li tilqa' lill-barrani fil-komunità Nisranija. Ser issir laqgħa ta' formazzjoni għal kulħadd nhar il-Ħamis 27 ta' Frar fis-6.30pm bit-tema: **Ma nibqax barrani: *Intentional Discipleship*.** Ser jiġi ppreżentat ukoll il-Programm Pastorali 2020. Il-laqgħa ser issir fil-Knisja Parrokkjali. Inħeġġu lil kulħadd sabiex jattendi.

**Mixja sas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar**

Fil-bidu tar-Randan Imqaddes bi tħejjija għall-Pellegrinaġġ li jsir fl-Ewwel Ħadd tar-Randan f'Ħaż-Żabbar, nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2020 ser issir quddiesa fis-7.30pm fil-Parroċċa tagħna u wara mixja sas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar. Wara jkollna t-trasport lura lejn Wied il-Għajn. Dawk li ser jingħaqdu magħna bit-trasport jekk jogħġobhom jiktbu isimhom fis-sagristija minħabba t-trasport sa nhar il-Erbgħa 26 ta' Frar 2020. Inħeġġukom sabiex nattendu bħala familiji.

**Ġimgħa Franġiskana fil-Parroċċa tagħna**

Mis-Sibt 7 ta' Marzu sal-Ħadd 15 ta' Marzu 2020 fil-Parroċċa tagħna ser nilqgħu fostna lill-Patrijiet Kapuċċini. Matul din iż-Żjara Franġiskana ser jiltaqgħu mat-tfal, adolexxenti, żgħażagħ, anzjani, familji u persuni oħra fil-lokalità tagħna. Inħeġġukom sabiex nitolbu għall-ġid spiritwali ta' din iż-żjara u nilqgħuhom fostna.

**Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha**
Il-Ħadd 22 ta' Marzu 2020 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-trabi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

**Bazaar**
Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.